# Tas-Sliema u l-Madonna tal-Karmnu

*Minn Winston L. Zammit B A (Hons) P.G.C.E. M.A.*



Id-Devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu hija devozzjoni Marjana mxerrda f'diversi partijiet tal-Gżejjer Maltin, kif jidher ċar mill-ktieb Malta Karmelitana ippublikat fl-1951, fl-okkażżjoni tas-Seba' Ċentinarju tal-Labtu (1251-1951). Mxerrdin mal-Gżejjer Maltin innsibu knejjes, kappelli, altari, fratellanzi, frieghi tat-Terz-Ordni Karmelitan u niċeċ b'rabta mal-Madonna tal-Karmnu. Ix-Xahar ta' Lulju jfakkarna kemm hija mxerrda din id-devozzjoni, bil-festi li jsiru f'diversi inħawi b'rabta mal-Madonna tal-Karmnu.

Din id-devozzjoni Marjana fis-seklu dsatax inżergħet u ixxettlet f'tas-Sliema, subborg li f'dak iż-żmien kien għadu qiegħed fil-bidu ta' l-iżvilupp tiegħu.[1]

## Triq u Niċeċ

F' tas-Sliema, bħal bosta partijiet oħra f'Malta u Għawdex, insibu triq iddedikata lill-Madonna tal-Karmnu, "Triq il-Karmnu". Imxerrdin mat-toroq ta dan is-Subburg Marittimu insibu ukoll ħmistax il-niċċa bi statwi tal-Madonna tal-Karmnu.[2] Dawn huma kollha xhieda tad-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu.




*L-isem tat-Triq il-Karmnu f'Tas-Sliema*

1 Ara W. L. Zammit, Tas-Sliema fis-Seklu XIX, Klabb Kotba Maltin Nru 174 (Malta 2000)
2 *T. Terribile, "Niċeċ u Statwi fit-Toroq ta' Tas-Sliema (1994) p5*



*Statwa tal-Madonna tal-Karmnu li tinsab f'kantuniera f'Tas-Sliema*

## Devozzjoni Karmelitana fil-Knisja Parrokjali ta' Stella Maris

Din il-knisja inbniet bejn l-1852 u l-1855, ġiet mkabbra fis-snin 70 tas-seklu dsatax, u saret parroċċa, l-ewwel waħda f'tas-Sliema f'Diċembru 1878.[3] Fiha kien hemm artal iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu bi kwadru żgħir ta' Salvu Azzopardi Preziosi li tpitter fl-1895[4].

F'dan it-tempju Marjan mis-snin 60 sa nofs is-snin 80 tas-seklu dsatax kienet issir festa kemm ġewwa u barra ad unur l-Madonna Reġina tal-Karmelu. Din il-festa kienet diga qiegħda issir fil-knisja fis-snin 60 tas-Seklu Dsatax.

Avviż li deher f'gażetta lokali, ta' l-1869 jgħidilna hekk dwar din il-Festa Marjana.

3 W. L. Zammit, Tas-Sliema fis-Seklu XIX, Op. cit pp221-223, pp 196-199.
4 Tagħrif fill-pussess tal-awtur

*"Inħabbru nhar il-Ħadd 28 ta' Lulju, festa li se ssir f'tas-Sliema, ad unur l-Madonna tal-Karmnu. Smajna li din is-sena din il-festa se ssir fil-knisja b'pompa akbar minn tas-soltu. Filgħaxija minn barra l-ġostra se jkun hemm mixgħela sabiħa, logħob tan nar u mużika eċċellenti[5]".*

Dan l-avviż huwa indikazzjoni ċara li din il-festa kienet diġa ssir għal xi snin u nsibu li fil-bidu tas-snin 70, tas-Seklu XIX kien inkarigat minnha is-Sur P.P. Zammit.

F'Lulju tal-1874, din il-festa li kienet issir ta kull sena f'Tas-Sliema, fl-aħħar tax-Xahar ta Lulju ma saritx, b'sinjal ta rispett minħabba l-mewt tal-Isqof ta' Malta Mons. Fra Gejtanu Pace Forno OSA[6] li miet f'Lulju 1874 f'Napli[7].

Madanakollu din il-festa reġgħet saret fis-sena ta' wara meta reġa kien inkarigat minnha s-Sur P.P. Zammit. Avviż f'gażetta lokali jgħidilna li kellha ssir fl-1 t' Awissu[8].
Wara nofsinhar kellu jkun hemm il-ġostra, u filgħaxija l-mixgħela fl-okkażżjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu. Il-Festa saret bl-impenn tas-Sur P.P. Zammit u daqqet il-banda ta' Birkirkara[9].

## Rikors Ruma b'rabta ma din il-festa

F'rikors li inkiteb fl-aħħar tal-1875, jew bidu tal-1876, b'rabta ma din il-festa, mar-Rettur tal-Knisja ta' Stella Maris, Dun Karm ġerada, intqal li din il-festa kienet tiġi ċċelebrata b'pompa, fil-ħadd matul l-Ottava (16-23 ta' Lulju) tal-Festa tal-Karmnu. Billi xtaq ikabbar il-festa ta' ġewwa fl-istess rikors ir-rettur tal-knisja talab lill-Papa (illum Beatu Piju X 1846-1878), biex fl-okkażżjoni ta' din il-festa, fil-Knisja ta' Stella Maris, il-quddies kollu li jitqaddes ikun dik tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu.

L-Imsemmi Papa laqa t-talba tar-Rettur, b'xi kundizzjonijiet permezz ta' reskritt, bid-data tal-11 ta' Mejju 1876. Dan ir-reskritt intbgħat mill-Kardinal Patizi, Isqof t'Ostin u Prefett tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti lill-Mons. Isqof ta' Malta, Mons Carmelo Scicluna (1875-1888)[10]. Dan ir-reskritt juri biċ-ċar l-importanza li kellha l-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-knisja ta' Stella Maris.

## Il-Festa (1877-1885)

Fl-1877, din il-festa reġgħet ġiet iċċelebrata u kienet success. Gażżetta lokali kkumentat li minħabba nuqqas ta' fondi (probabilment dan għall fatt li dak iż-żmien kien qed isir it-tkabbir tal-knisja ta' Stella Maris), ma saritx mixgħela kbira, iżda sar ħafna ġbir. F'din l-okkazjoni daqqew żewġ baned li kienu il-*La Vallette* taħt id-direzzjoni tas-Surmast Bartoli, u *La Senglea* ta' l-Isla, taħt id-direzzjoni tas-Sur Millo[11].

F'Diċembru tal-1878, il-Knisja ta' Stella Maris nqatgħet mill-parroċċa ta' Birkirkara, u saret parroċċa għaliha, l-ewwel parroċċa ta' Tas-Sliema.[12]

Fl-1880, jidher li din il-festa ġiet iċċelebrata f'żewġ okkażżjonijiet, f'Lulju saret il-festa tal-knisja, u f'Awissu, fl-aħħar ħadd, saret il-festa esterna. F'Gażżetta lokali insibu imniżżel li f'tas-Sliema il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu irnexxiet grazzi għall-inpenn tas-Sur Pace[13]. Iżda fil-ħarġa ta' l-istess gazzetta tas- 27 t'Awissu insibu dan l-avviż:

*"Il-Ħadd li ġej 29 t'Awwissu, f'tas-Sliema ad unur tal-Madonna tal-Karmnu se jkun hemm il-mixgħela, daqq ta' baned u regatta[14]".*

Dwar din il-festa għandna iktar dettalji f'gazzetta lokali bl-Ingliz:

*"The festival of The Madonna del Carmine of which we gave notice last Saturday was celebrated on Sunday afternoon at Sliema with great rejoicings and the crowd which assembled to see it and take part in it was immense. The gostra offered us usual great amusement and the prize was eagerly contested by the aquatics."*

*"Later in the evening there was a partial illumination as well as a little exhibition of fireworks which was well worthy of admiration[15]".*

L-aħħar tagħrif dwar din il-festa huma tal-1885. F'gazzetta lokali tat-18 ta' Lulju 1885, insibu dan l-avviż:

*"Għada f'tas-Sliema festa kbira, ġewwa l-knisja ta' Stella Maris, u barra fl-okkażżjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu wara nofsinhar jkun hemm il-ġosta u baned u filgħaxija mixgħela[16]".*

Wara dan it-tagħrif ma nsibux iktar dwar din il-festa iżda b'rabta ma' l-artal tal-Karmnu insibu li fis-snin għoxrin tas-Seklu XX kien jieħu ħsieb dan l-artal, il-Kjeriku Albert Azzopardi, li kien jieħu ħsieb jarmaħ fl-okkażżjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu u festi oħrajn. Għall xi żmien fl-okkazzjoni tal-Festa tal-Karmnu, il-

5 La Croce di Malta 23-VII-1869. Mill-ħarġa tal-istess gazzetta 27-VII-1869, nafu li din il-festa saret. Fil-Knisja kien hemm quddiesa solenni u filgħaxija il-mixgħela u l-mużika ġibdu numru kbir ta' nies.
6 La Croce di Malta 25-VII-1874
7 Tagħrif fill-pussess tal-awtur
8 La Croce di Malta 30-VII-1875
9 IBID 5-VIII-1875
10 Arkivju Kurja Arciveskovili, Atti Civili 1879-1882 F.25V

11 La Croce di Malta 10-VIII-1877
12 W. L. Zammit, Tas-Sliema fis-Seklu XIX, Op.cit. pp 196-197
13 L'Amico del Popolo 20-VII-1880
14 IBID 27-VIII-1880
15 The Malta Times 11-IX-1880
16 Il Risorgimento 20-VII-1885



quddies ta' l-għaxra kienet issir fuq dan l-artal minflok fuq l-artal maggur[17].

### L-Erbgħat ta l-Udjenza

Din id-devozzjoni Marjana kienet issir ukoll fil-Knisja Parrokjali ta Stella Maris. L-Ewwel tagħrif dwarha huwa tas-sena 1905. Insibu li fil-5 ta' Lulju 1905, il-Prokuratur tal-Knisja Dun Pawl Vella Mangion ħallas lis-Sur A. G. Manfre is-somma ta' nofs lira *"per Mercoledi d'Udienza come organista"*. Dan mhux biss jindika li kienu jsiru l-Erbgħat ta l-Udjenza, izda li fihom kien ukoll jindaqq l-orgni[18].

Programm tax-xahar ta' Mejju tas-sena 1956 jururna li l-priedki tal-Erbgħat ta l-Udjenza, f'dan ix-xahar kienu jiffurmaw parti mill-priedki li kellhom isiru f'din il-knisja matul ix-xahar Marjan kollu. Fil-fatt fl-ewwel tlett Erbgħa ta' Mejju ta dik is-sena (2-9-16) il-priedki kellhom isiru minn Patri Wistin Caruana O.C. Kappillan ta' Santa Venera u kellhom dawn it-temi:


Sliema li 5/7/905
M.to R.do Don Paolo Vella
Pro.re della Chiesa Stella
Maris: dare al M.o A. G.
Manfrè per Mercoledi
d'udienza come organista
£ 0-10-0
Soddisfatto
Manfrè

*Ħlas ta' nofs lira lill-organista tal-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris tas-Sliema, għas-servizz tiegħu matul l-Erbgħat tal-Udjenza 1905*

2 ta' Mejju – Il-Karmelu u Marija Santissima

17 Tagħrif migbur mill-awtur minn għand is-Sur Maurice Busietta 29-VII-1987
18 Tagħrif fil-pussess ta l-awtur

9 ta' Mejju - L-Iskapular u l-Imħabba ta' Marija
16 ta' Mejju – Marija u il-Purgatorju[19]

Dawn l-Erbgħat ta l-Udjenza jissemmew f'pubblikazzjoni karmelitana ta l-1976[20] u waqfu jsiru fil-bidu tas-snin 80 tas-Seklu XX[21].

### Devozzjoni Karmelitana fil-knisja Parrokjali tal-Madonna tas-Sacro Cuor

Il-Knisja Parrokjali tal-Madonna tas-Sacro Cuor inbniet bejn is-snin 1877-1881, bit-tħabbrik tas-Saċerdot Dun Pawl Vella D.D. mill-Belt Valletta. Din il-knisja infetħet u tbierket fis-26 ta' Gunju 1881 u f'Novembru ta l-istess sena għaddiet f'idejn il-Patrijiet Franġiskani Minuri[22]. Saret parroċċa, it-tieni waħda f'tas-Sliema fid-29 ta' Settembru 1918 u ġiet imkabbra fis-snin 30 tas-seklu XX (1930-1936)[23].

Din il-Knisja għandha artal iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu. Il-kwadru tiegħu inħadem mill-pittur Malti Ġużeppe Cali fl-1881 u tħallas mis-Sur De Luna[24]. Dan il-kwadru fl-1984, tnizzel minn postu u ittellgħa fil-kunvent tal-Patrijiet Frangiskani Minuri, fejn sar xogħol ta' restawr fuqu, mis-Sur Ronald Pisani. Rega tqiegħed f'postu f'Mejju tal-1985. Billi l-artal kellu xi hsara fl-irħam tiegħu, f'Awissu 1984 sar ukoll xogħol ta' resrawr fuqu mis-Sur Ronald Pisani[25].

### Il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu

Il-Knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor infetħet f'ġunju 1881 u waħda mill-ewwel festi li saru fiha kienet dik tal-Madonna tal-Karmnu. Din saret f'Lulju 1881, fil-ħadd fuq is-16 ta' Lulju. Qabel il-festa sar Tridwu bil-Kant tas-Salve Reġina, Litanija u Benedizzjoni. Nhar il-festa filgħodu kien hemm quddies solenni, u filgħaxija paniġierku u benedizzjoni[26].

M'għandniex tagħrif x' sar fis-snin ta' wara. Jidher izda li kienet issir il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu mill-1919 il-quddiem. Dan joħrog miz-zewg fondazzjonijiet b'rabta ma din il-festa f'testment fl-atti tan-Nutar ġwanni Gabaretta tas-27 t'Ottubru 1918, is-Sur Manwel Micallef ħalla fondazzjoni għaċ-ċelebrazzjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu, biċ-ċelebrazzjoni ta' quddiesa kantata bil-ministri, vuċijiet

19 IBID
20 V. Borg Gusman, E. Tonna, L-Erbgħat ta l-Udjenza (Malta 1979) pp 66
21 Tagħrif fil-pusses tal-awtur
22 W. L. Zammit, Tas-Sliema fis-Seklu XIX, Opp.cit. pp 233-240
23 W. L. Zammit, Tas-Sliema fl-ewwel nofs tas-Seklu XX (Malta 2006) pp 185, 191-194
24 M. Vella, Il-Pittura fil-Knisja tas-Sultana Tagħna, Jannar 1976, pp 8
25 Tagħrif fil-pussess ta l-awtur
26 P. Vella, Ċenni Storiċi, pp 87

korali u paniġierku, filwaqt li is-Sur ġiovanni Vella b'testment tal-5 t'Awissu 1931 ħalla fondazzjoni għall-priedka li kellha issir ta kull sena fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu.

Maż-żmien din il-festa ma baqgħetx issir, iżda insibu li fl-1985 fl-okkażżjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu (16 ta' Lulju) l-artal ġie armat b'terħa u tapit u nxtegħlet il-prima u diversi xemgħat oħra fuq l-artal mid-devoti tal-Madonna. Fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu, tas-snin 1991, 1992, 1994 u 1998 xtegħlet il-prima ta' l-artal u diversi xemgħat oħra gew mixgħula fuq l-istess artal[27].

**L-Erbgħat ta l-Udjenza**

Din id-devozzjoni kienet ukoll issir fil-Knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor. Insibu li f'Mejju 1944 sar ħlas ta' lira u nofs lill predikaturi ta l-Erbgħat ta l-Udjenza[28]. Dawn il-priedki baqgħu jsiru sal-1970, u waqfu fl-1971, billi minflokom bdew isiru l-Erbgħat bi thejjija għall Festa Titulari tal-Madonna tas-Sacro Cuor[29].



*L-artal tal-Madonna tal-Karmnu fil-Parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor f'tas-Sliema.*

27 Tagħrif fil-pusses ta l-awtur
28 Arkivju Provincjali Patrijiet Minuri Valletta, Amministazione Sliema, 1942-1947, Esito Maggio 1944
29 Tagħrif fil-pusses ta l-awtur





UP TOWN

STORE No. 53
VALLETTA MARKET

Michael & Sandro

FOR BEST
GROCERIES
IN TOWN

Tel; 21 241 098